# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuta tas-Seduta numru sitta w għoxrin (26) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nzammet nhar id-29 ta' Lulju, 2014 fis-6:10pm, fl-Ufficcju tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Viċi Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu mgħoddija b'e-mail lill-kunsillieri mis-SE u dawn ipproponew il-korrezzjonijiet li jidhru li saru fuq il-kopja oriġinali u inizjalati bil-linka mis-Sindku u s-SE.

**Punti mill-Minuti:**

3. Grace Marie Mallia qalet li mill-Fond Għat-Titjib Urban il-KLM se jieħu biss €9,300 u mhux €300,000 għaliex din kienet il-figura għal Malta kollha.

4. Is-Sindku qal li hu qed isegwi id-diffikulta' li għandna għaliex mhux qed ninqdew minn *Transport Malta* billi illum stess bagħat *e-mail* biex ifakkarhom f'dak kollu li tlabnihom.

5. Charlene Zammit qalet illi l-Kunsill taż-żgħażagħ qed jiltaqa' u għada se jagħmlu laqgħa fl-uffiċċju tal-KLM, ma' Dun George Schembri dwar xi proposta li għandu għal ġid tar-raħal.

6. Dwar il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq, is-Sindku ippropona li nitolbu laqgħa ma' dan il-kumitat fl-uffiċċju tal-KLM.

7. Issemmew il-korsijiet tat-TCTC għat-tfal. Hawn intqal illi dawn issa bdew u l-bill board se jiżżarma għada minkejja li kien hemm talba għalih mil-Każin ta' Sta Marija fil-jiem li se tittella' wkoll l-attivita' tagħna *Biss bil-Ħila.*

8. Issemma' minn kunsillier illi kien hemm stoppage fid-drenaġġ fejn il-garage ta' Jerry tas-*silencers* fi Triq tas-Sejba. Hawn is-SE qal li hemm aktarx il-medda tad-drenaġġ hija maqtugħa u spiss qed joħroġ id-drenaġġ minn dawk il-manholes.

9. Is-Sindku qal li kellem lil Charles Attard tal-Environmental Landscapes Consortium u se jerġa jara l-każ tas-siġar li jridu jinqalgħu minn quddiem iċ-ċimiterju u li kienu diġa' approvati mill-MEPA.

10. Nicholas Briffa semma' l-iżvilupp tal-Ġnien Onġi Onġella u qal li issa neħħejna l-ħamrija li kien hemm żejda u kellna nikru skip minn għand Emanuel Camilleri.

11. Is-Sindku qal li l-artikli tal-kunsillieri tal-fuljett damu ma' waslu, u sfortunatament kellna naqgħu tard mid-deadline bil-konsegwenza li min kien se jqassmu issa se jkun imsiefer.

12. Għall-problema tas-soqfa li kienu qed jikkrollaw fl-Isptar il-Qadim, is-Sindku qal li meta ndunajna x'ġara, u li kien hemm parti mis-saqaf ċediet, bil-konsegwenza li t-travi u x-xorok kienu evidenti li qed jidhru li qed jaqgħu, ma' stajniex nistennew li noħorġu offerta/kwotazzjoni u kellna nieħdu azzjoni immedjata għaliex kieku ma' għamilniex hekk, kien se jweġġa' xi ħadd.

Nicholas Briffa qal li fortunatament kellna lill-kunsillier Michel Farrugia li jifhem fil-kostruzzjoni u dan tana l-parir li jiġu iċċekkjati il-kumplament tat-travi tal-birthing chamber, mikula fuq iż-żewġ naħat tal-ħitan, mill-irjus. Għaldaqstant kellna nieħdu id-deċiżjoni illi niftu s-saqaf kollu, liema deċiżjoni kienet unanima. Dan kollu sar filwaqt li fl-istess post kienu qed isiru l-korsijiet tal-Computer organizzati mill-MCA. Issa li ħadna l-kont, sirna nafu li dan laħaq is-somma ta' €12,500. Għaldaqstant, is-Sindku qal li filwaqt li se jivverifika kollox il-perit, għandna ittra lesta biex nagħmlu talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għal kumpens, peress li din kienet spiża ta' kontingenza u daqsxejn iebsa għalina biex dawn il-fondi jittieħdu mill-allokazzjoni. Dan fid-dawl illi post hu skedat mill-MEPA fi Grad 1 għall-importanza storika tiegħu.

13. Is-SE qal li hu kiteb lill-Faces Displays fejn tlabnihom biex jinxtgħelu l-bus-shelter il-mitfijin, issir ħġieġa ġdida flok dik imkissra fuq dak ta' Triq il-Konvoj ta' Sta Marija u wkoll jerġgħu jibdew jitnadfu. Is-Sindku qal li kemm-il darba dawn l-ilment se jibqgħu jaqgħu fuq widnejn torox, għandna niktbu lil Transport Malta bin-nuqqas ta' Faces Consultants.

14. Dwar il-kosijiet tal-Awtorita' Maltija għall-Komunikazzjoni, is-SE qal li se nagħmlu talba għall-*Administration Fees,* bi provizjon għal min qed jiftaħ il-post kull lezzjoni u jħejji skedi, jieħu t-telefonati tal-applikanti u wkoll minn issa 'l quddiem għat-tħejjija taċ-ċertifikati.

15. Is-Sindku qal li issa l-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Dr Stefan Buontempo, se ssir aktar tard u qed nistennew illi jipprovdielna data konvenjenti għal kulħadd.

16. Dwar il-każ ta' *manhole* fi Triq in-Nazzarenu kantuniera ma Triq il-Konvoj ta' Sta Marija, is-Sindku qal illi hu kiteb lis-Sur Camilleri tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, minkejja li meta ġew hawn l-uffiċjali tal-KSI, dawn kienu allegaw mas-SE li kien il-kuntrattur tal-KLM illi għamel xogħol ħażin meta kesa din it-triq.

17. Charlene Zammit baqgħet tinsisti illi l-persuni li riedu jarmaw bar fil-Pjazza tal-Knisja fil-Festa tal-Madonna tal-Ġilju, kellhom kull dritt ġaladarba illi kellhom il-permess tal-Imwejjed u s-Siġġijiet fl-istess pjazza. Ma' dawn il-kummenti ma' qablux diversi kunsillieri. Hawn intqal illi jekk se nagħmlu laqgħa mal-entitajiet kummerċjali, hemm bżonn li jkunu rappreżentati l-każini. Is-Sindku qal illi kemm-il darba din il-laqgħa isseħħ, hemm bżonn nitkellmu mhux biss dwar il-permessi iżda wkoll fuq affarijiet oħra bħal kif se nirkupraw aktar skart ecc.

18. Dwar il-każ fejn xufier qed jitlob kumpens mill-KLM minħabba spejjeż li għamel fuq vettura meta dan kien għaddej minn Triq il-Parroċċa, għaliex qatta' t-tire ma' bankina li nqalgħet minn kuntrattur, is-SE qal li hu bagħat il-kont lil sid il-propjeta' u dan ċempillu u qallu li se jirrifjuta li jħallas. Hawn Michel Farrugia qal li dan l-inċident seħħ sinjal li dan ix-xufier ma' kienx moħħu hemm. Hu kompla jgħid illi kieku kien hemm bankina, xorta waħda kien se jqatta' t-tire ġaladarba rass daqstant mal-ġenb tat-triq. Michel Farrugia qal li hemmhekk xorta trid issir bankina baxxa wara li jitlesta' x-xogħol. Charlene Zammit qalet li l-KLM ma joħroġx permessi bħal dawn u s-Sindku qabel magħha u qal li aħna qatt ma nagħtu permessi biex wieħed iqatta' l-bankina. Michel Farrugia qal illi dan it-tali seta' qatta' t-tire xi mkien ieħor u issa qed jitlob kumpens meta qed jallega li dan seħħ fi Triq il-Parroċċa.

19. Kien hemm diskussjoni dwar l-influss ta' nies kbir li kien hawn fil-Fiera l-Kbira, u li minkejja li ma kienetx fil-lokalita' tagħna, xorta waħda konna affettwati minħabba li l-parkeġġ kien ukoll qed isir fil-lokalita' tagħna quddiem l-isqaq tal-postijiet tan-nar.

20. Is-Sindku informa lill-kunsillieri illi l-bankina li kienet issemmiet minn Grace Marie Mallia fi Triq Valletta, issa issewwiet mill-ħaddiema tagħna. Din kienet quddiem mara li hija pregnant u għalhekk sussettibbli li kienet se taqa'.

21. Minħabba li d-*drinks* lill-kumitat ċentrali tas-Socjeta' Sta Marija mhux se jingħataw qabel il-festa fuq xewqa tagħhom stess, is-Sindku qal illi dawn se nagħtuhomlom ġimgħa wara l-festa. Apparti dawn, id-*drinks* lill-bandisti se jingħataw nhar l-Erbgħa, 13 ta' Awwissu, 2014.

22. Għall-ħarga t'Għawdex li jmiss li se tkun organizzata mill-KLM fit-3 ta' Settembru, kien deċiż li n-nies se jkunu fuq bażi first come first served min iħallas l-ewwel. Grace Marie Mallia qalet illi din id-darba dawn se jkunu meħuda f'Ta' Mena Estates u imbgħad se jmorru għall-ikel ta' nofs-in-nhar fir-restaurant Seashells. L-avviż se jkun jinkludi l-wording 'għar-residenti tar-raħal biss'.

23. Fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss, se jkun hemm stedina bid-dettalji tan-nomini ta' Ġieh l-Imqabba 2014, se jkun jinkludi wkoll il-group photo tal-ħarġa li organizza l-KLM fi Sqallija u dettalji dwar il-ftuħ uffiċjali tal-ġnien. Il-materjal propost kien approvat kollu b'mod unanimu mill-kunsillieri.

24. Is-Sindku semma' li kien intervistat fil-programm tal-ONE productions bl-isem 'Sajf' u qal li din l-intervista se tkun imxandra nhar is-7 ta' Awwissu, 2014 fil-għaxija.

**AGENDA**

25. Bħala preparamenti għall-festa ta' Santa Marija is-SE qassam kopja fotostatika ta' żewġ inviti:
8.8.14 – program vokali fl-inawgurazzjoni tal-istatwa artistika fuq il-Mentna
10.8.14 – program annwali tal-festa

26. F'e-mail separata, is-Segretarju tas-Soċjeta' Santa Marija talab li dawn jisselfu l-barikati tal-KLM (il-KLM għand fadallu 8 biss għaliex insterqu 2) fejn il-kunsillieri ma sabux oġġezzjoni biex jingħataw lilhom.

27. Is-Sindku qal li dawn qed jitolbuna li jqabbdu l-illuminazzjoni tagħhom mas-supply box tal-KLM li hemm fuq il-Mentna. Il-kunsllieri unanimament qablu li dan jingħata u għalhekk il-KLM ser ikun qed iħallsilhom il-konsum.

28. Il-KLM qabel unanimament li jitħallsu €475 parti mill-ispejjeż biex ikunu devjati xi *wires* fil-Pjazza tal-Knisja kantuniera ma Triq il-Karmnu biex joqgħod il-gwarniċun fiz-zona li hija permessa mill-Pulizija. Dawn ix-xogħlijiet se jsiru minnufih ħalli jitlestew qabel il-festa.

29. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba se jkun qed iwaħħal tabelli mal-bus shelters li ma jkunux qed jintużaw minħabba devjazzjoni fit-trasport pubbliku għaliex fil-festa jkun hawn diversi toroq magħluqin. Dan minħabba li jingħalqu minn żmien bikri ħafna biex jarmaw fihom l-armar tas-Soċjeta' Santa Marija.

30. Is-SE kien awtorizzat sabiex jitpoġġa bukkett fjuri quddiem il-vara fil-festa ta' Santa Marija u wkoll sabiex jinġiebu il-*mobile toilets* lejlet u nhar il-festa.

31. Dwar il-ġnien f'Misraħ il-Fidwa, is-Sindku qal illi dan illum ġie fil-final u fadlilna l-istruttura tad-daħla u t-tabella tal-perspex bil-kliem fuq background isfar u l-globi b'kulur tad-deheb x'jinħadmu wara li issa l-bankina kienet imħallba bil-grouting. Kien propost illi dan il-ġnien ikun inawgurat fil-għaxija biex jidher isbaħ jixgħel. Aktarx li dan se jsir f'Settembru ħalli t-tfal jilħqu jidħlu l-iskola u l-għalliema tagħhom ikunu jistgħu jgħallmuhom is-*song* tal-Onġi Onġella.

32. Kien hemm diskussjoni dwar ir-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena 2014. Is-Sindku żied jgħid illi l-proġett tal-ġnien huwa proġett kapitali u l-ispejjeż ma jistgħux jidħlu fil-profit and loss account iżda dawn se jkunu jidhru fil-Balance Sheet. Is-Sindku qal li mis-sommarju tad-dħul u l-infieq għal Jannar – Marzu 2014, kien hemm dħul ta €63,500 u ħruġ ta' €88,900, u

infieq kapitali ta' €23,000. Għaldaqstant il-ħruġ rejali kien ta' €65,000 u jekk tnaqqsu b' €63,500 dħul, ser ikun hemm żbilanċ ta' €2,100 biss fil-Profit and Loss. Hu qal illi se jagħmel *cash flow forecast* peress li konna mitlubin inħallsu d-deficit minn Asfaltar Ltd li kienet ħalliet il-leġislatura preċedenti li minn €124,000 issa niżel għal €70,000, wara li tħallsu €54,000 f'din il-leġislatura.

33. Is-Sindku attenda għal Seminar organizzat mil-President tar-Repubblika fejn kienu nvoluti direttament il-Fondazzjoni RISE. Dan seħħ biex isiru tentattivi sabiex fosthom il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu iħaddmu l-priġunieri. Is-senior parole officer, se jibgħatilna aktar dettalji u l-proposta se tkun diskussa f'laqgħa tal-KLM.

34. Is-SE wara li attenda laqgħa mal-MEPA, ippropona diversi postijiet fejn jista' jitpoġġa l-vann li se jkun qed jittesta l-*air pollution* fir-raħal. Mill-postijiet kollha proposti, dawn għażlu post 'il bogħod mit-traffiku, viċin iz-zona urbana, u fejn il-prevailing winds huma minn naħa fejn ta' fuq ta' Malta. Dan il-post huwa wara l-iskola u s-SE għamel l-arranġamenti kollha biex il-vann ikun supplixxut bi provista tal-elettriku matul ix-xahar li be ħsiebu jagħmel fostna u diġa' ir-raw readings huma disponibbli fuq is-sit tal-MEPA http://95.172.22.98/scripts/dataview.dll?DisplayChoice&Init=-1&Which=grid&ID=643.

35. Dwar il-Move Week li l-KLM be ħsiebu jikkollabora fiha mal-Gvern Ċentrali u li se ssir f'Ottubru, Paul Spiteri qal li hu kellem lis-sid tal-Ultimate Physique u dan hu interessat li jorganizza open day.

36. Nicholas Briffa informa lill-kunsillier illi se jkun qed jipparteċipa f'seminar konsultattiv bit-tema *Sustainable Tourism – Southern Malta* li se jsir mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu.

37. Issemmew id-diversi reminders li ntbagħtu mill-Każin tal-Football għal talba għall-għajnuna finanzjarja. Minkejja li l-liġi tal-Kunsilli Lokali ma tippermettix din it-tip ta' għajnuna, Paul Spiteri qal li 'l dawn aħna sibnihom meta morna għandhom biex nużaw il-faċilitajiet tagħhom. Il-KLM ma' jistax jagħti għajnuna finanzjarja.

38. Charlene Zammit qalet li hemm parti oħra ta' bankina fi Triq Valletta li hija nieqsa. Dikn tinsab fejn persuna li ssemmiet b'isimha fil-laqgħa. Intant is-Sindku qal li hemm oħrajn fosthom dik ta' Triq il-Barumbara biex jinbarxilha l-wiċċ u oħra li kienet issemmiet mil-kunsillier Michel Farrugia li f'dan il-waqt ma kienx preżenti, fi Triq il-Kileb. Nicholas Briffa qal li hemm bżonn li ssir biċċa bankina oħra fi Triq Ħal Kirkop.

39. Charlene Zammit qalet li hemm Triq iż-Żurrieq li verament trid manutenzjoni fil-parti fejn għad fadal bil-*chip and spray. GMM* semmiet il-ħaxix ħażin fi Triq Dun Gerald Mangion quddiem id-dar Shalom kif ukoll diversi ilmenti li waslulha fuq il-knis. Hija staqsiet dwar kif il-*litter bins* fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti mhux qed jitbattlu. Dwar dan is-Sindku qal li se jibgħat lill-ħaddiema tal-KLM biex ibattluhom aktar spiss.

40. Kienet approvata l-Payment approval sheet numru 484.

41. Il-laqgħa ntemmet fid-9.00pm filwaqt li dik li jmiss se ssir nhar is-26 ta' Awwissu, 2014 fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*26/08/2014 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |